**7 ta' Frar, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Vella, Domenic Bonnici u Nicholas Galdes

**Distinzjoni bejn Serq u Approprijazzjoni Indebita.**

*Id-distinzjoni bejn ir-reat ta' approprijazzjoni indebita u dak ta' serq tikkonsisti fil-mod ta' kif ir-rifurtiva tkun ġiet f'idejn l-imputat.*

*Meta din tkun ġiet originarjament fdata lilu mis-sid b'mod illi jkun ġie legalment vestit bil pusses materjali, ma jistax jingħad illi hemm pusses "invito domino" - f'liema każ biss jistà jkun hemm il-figura ta' approprijazzjoni indebita.*

Il-Qorti:-

Rat l'imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti li fuqhom ġew kompilati l-atti u ċjoè talli f'Ħal-Luqa nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju, 1983 għal ħabta tal-00.15 a.m. ikkommettew serq ta' *petrol* , liema valur huwa ta' anqas minn għaxar liri (LM10), minn *Land Rover* numru M-0194 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, vjolenza numerika u bil-persuna u aktar talli bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, għal xi vantaġġ privat għamlu użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli illi kienu fdati lilhom minħabba l-kariga jew impjieg tagħhom, jew serquhom u aktar li għamlu ħsara volontarja li tammonta għal aktar minn ħames liri (LM5) fuq *Land Rover* numru M-0194 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u aktar bħala uffiċjali pubbliċi ikkommettew reati li kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tagħhom kellhom d-dmir li jimpedixxu:

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-18 ta' Ġunju, 1984 li biha sabet lill-imputati **Dominic Bonnici u Nicholas Galdes** ħatjin ta' serq ta' *petrol* tal-valur ta' anqas minn għaxar liri (LM10) minn *Land Rover* numru M-0194 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta - liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-vjolenza numerika u bil-ħin, u lill-imputat **Carmelo Vella** mhux ħati ta' serq skond din l-ewwel imputazzjoni, iżda ħati ta' kompliċità fis-serq kommess minn Bonnici u Galdes;

Sabet lill-imputat **Carmelo Vella** ħati talli għamel ħsara involontarja li tammonta għal aktar minn ħames mitt lira (LM500) fuq *Land Rover* M-0194 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta; u lill-imputati **Dominic Bonnici u Nicholas Galdes**

mhux ħatjin ta' din l-imputazzjoni u lliberathom minnha;

Sabet lill-imputati Carmel Vella, Dominic Bonnici u Nicholas Galdes ħatjin talli bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi ikkommettew reati li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tagħhom humà kellhom id-dmir li jimpedixxu u wara li rat fil-konfront ta' **Carmelo Vella**: l-artikoli 43(d) 44, 274(a)(d)(f), 275(b), 281(a)(d), 283, 289, 290(a), 22(1), 294(b), 342(d), 139 u 527 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12); fil-konfront ta' **Dominic Bonnici u Nicholas Galdes**: l-artikoli 274(a)(d)(f), 275(b), 281(a)(b), 283, 289, 290(a), 22(1), 294(b), 139 u 527 tal-Kodiċi Kriminali u peress illi, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom il-fedina penali nadifa tat-tlett imputati u illi t-tlieta ġew imkeċċija mill-ingaġġ tagħhom fil-Forzi Armati (Dejma) u b'hekk diġà skontaw parti kbira mid-dejn tagħhom lejn is-soċjetà, dik il-Qorti dehrilha illi hu opportun il-provvediment infraskritt a tenur ta' l-artikolu 9 ta' l-Att 12 ta' l-1957 u għalhekk illiberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor fi żmien sentejn u kkundannathom iħallsu kwantu għal terz (1/3) kull wieħed, l-ispejjez inkorsi fil-ħatra ta' esperti William Cassar Torregiani, Joseph Zammit u Perit Richard Aquilina, lir-Reġistratur tal-Qorti fi żmien sitt xhur u dan kollu wara li dik il-Qorti:

"Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati fosthom ix-xhieda bil-ġurament;"

"Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Frar 1984, li biha dawk l-attijiet ġew mibgħuta lil din il-Qorti sabiex hija, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputati skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 382(3)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċidi fuq l-

akkuża tal-ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra, taħt dak li hemm maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-liġi, f'dik in-Nota msemmija";

"Rat il-verbal tas-16 ta' April 1984 li bih l-imputati ddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi ttrattat sommarjament u deċiż minn din il-Qorti;"

"Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' l-imputati Bonnici u Galdes, minn jeddhom;"

"Ittrattat il-kawża;"

"Ikkunsidrat:"

"Illi skond ir-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali kif ikkonfrontat mir-rapport ta' l-ispetturi Joseph Cachia u Anthony Borg Caruana (fol. 2 tal-proċess) l-imputati huma akkużati talli f'Ħal-Luqa, nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju, 1983 għall-ħabta tal-00.15 a.m. ikkommettew serq ta' *petrol* liema valur huwa anqas minn għaxar liri (Lm10) minn *Land Rover* numru M-0194 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-vjolenza numerika u bil-ħin; u aktar (b) għamlu ħsara volontarja li tammonta għal aktar minn ħames mitt lira (Lm500) fuq *Land Rover* numru M-0194, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta; u aktar (c) bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi kkommettew reati li huma kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tagħhom id-dmir li jimpedixxu;"

"Illi mill-provi rriżulta illi għal xi l-10.00 p.m. il-*Platoon Sergeant 237* Sydney George Vella, tat-*Task Force*, ta ordni lill-*Private* Dominic Bonnici (wieħed mill-imputati) biex fis-1.30 a.m. tal-lejl bejn is-7 u 8 ta' Mejju, 1983 jieħu l-*Land Rover*

M-0194, imur biha sal-Bank Ċentrali fejn kellu jagħmel għassa u s-suldat l-ieħor li kien ser jiġi mibdul minnu jitla' lura biha fil-kwartieri ġenerali tat-*Task Force*, Ħal-Luqa;"

"Illi għal xi 12.30 a.m. ta' l-istess lejl, *Warrant Officer 2* , Carmel Sciberras mic-*Central Room* ra bħal nar itextex, ħaseb li kien "*grass fire*" u ċempel lill-"*fire fighting section*" biex imorru jitfu n-nar;

Fuq il-post tal-ħruq fit-triq tal-*Gymnasium* ra xi sitt (6) membri tat-*Task Force*, fosthom it-tlett (3) imputati li kienu xi sittin jarda bogħod min-nar, u l-*Land Rover* M-0194 kienet qiegħda taqbad bin-nar ħiereg mill-"*windscreen*", mill-bibien u minn wara. Fil-pront waslu tal-*Fire Brigade* u tfew in-nar;"

"Illi l-espert forensiku, Dr. Anthony Abela Medici, kkonkluda illi l-*Land Rover* ħadet in-nar billi waqt illi xi hadd kien qed jiġbed il-*petrol* permezz ta' *pipe* tal-*plastic* minn ġot-tank tà taħt is-*seat* tad-*driver* għal ġo landa tal-*plastic* (*jerry can*); "Għal xi raguni mhux magħrufa setà sar xi *spark* fil-viċinanza tal-*petrol* li kien jimtela ġol-landa possibilment minn xi *lighter* jew sulfarina li setgħet tqabbdet u minnufih li l-"*vapour* " tal-*petrol* ħa n-nar u mexa kemm mal-ħaxix niexef fl-art ħdejn il-*Land Rover* u kemm għal fuq il-landa u l-*pipe* li kien jgħaddi għal ġot-tank tal-lemin li għalhekk ħadu n-nar." Skond l-istess espert: "dak li pprova jieħu l-*petrol* mill-*Land Rover* M-0194 fetaħ il-bieba tal-lemin ta' l-istess vettura, u mingħajr ma fetaħ il-katnażż li kien iżomm il-pjanċa ta' l-*aluminium* li kienet tgħatti t-tap, tat-tank b'xi mod fetaħ jew sab miftuħ l-istess tapp u minn taħt l-aluminju daħħal *pipe* tal-*plastic* aħdar tal-pulzier (Dok. AF) u b'*suction* beda jiġbed il-*petrol* mit-tank tal-lemin għal ġol-landa tal-*plastic* safra" (Dok. AM1- fol. 71)";

"Illi fil-kors ta' l-investigazzjonijiet il-Pulizija interrogat lill-imputati Vella, Galdes, **u** Bonnici li rrilaxxaw l-istqarrijiet Dok. 4, Dok. 5 u 6 u Dok. 7 u 8 rispettivament (a fol. 49 sa 54 tal-proċess)";

"Illi minn dawn l-istqarrijiet jirriżulta illi l-imputati Vella u Galdes kienu ma' l-imputat Bonnici fil-*Land Rover* meta ġara sostanzjalment dak illi rrelata l-espert forensiku fuq iċċitat;"

"L-imputat **Bonnici** qal fl-istqarrija u kkonferma bil-ġurament fix-xhieda tiegħu (fol. 94) illi hu kien qed isuq il-*Land Rover* M-0194 fil-ħin ta' l-inċident, illi kellu l-karozza privata tiegħu Anglia numru K-1203 ipparkjata fil-barracks ħdejn il-*gymnasium*, waqaf bil-*Land Rover* fil-viċinanzi tagħha, ġab *jerry-can* mill-karrozza u daħħal il-*pipe* minn taħt il-pjanċa għal ġot-tank: "U bdejt niġbed il *petrol* ..... Imlejt *jerry-can* waħda u battaltha fil-karozza tiegħi, u wara konna qed nerġgħu nimlew *jerry-can* oħra meta Vella qabbad sigarrett u l-*Land Rover* ħadet in-nar. Dak il-ħin Vella biss kien qed ipejjep". (Dok. 7 a fol. 52);"

"L-imputat **Galdes** qal u kkonferma fix-xhieda tiegħu bil-ġurament illi: "il-*pipe* li bih tellajna l-*petrol* kont ġibtu jiena mid-dar tiegħi ..... xi nofs siegħa qabel ma ġara l-inċident", u illi: " ..... jiena wkoll ġbidt *petrol* mit-tank tal-*Land Rover* " (Dok. 6 a fol. 51);"

"Għalkemm anke dan l-imputat iddikjara illi meta qabdet il-*Land Rover*: "Bonnici kien jimla u Vella qabbad jew sulfarina jew sigarrett", l-imputat Vella qal fl-istqarrija tiegħu illi kien qiegħed jittieħed il-*petrol* bil-mod spjegat fuq: " ..... qaluli biex nixgħel sulfarina biex jaraw jekk il-*jerry-can* imteliex u meta armejt is-sulfarina ma' l-art. x'aktarx li kien waqà xi naqra *petrol*

fl-art għax malli waqgħet is-sulfarina ħa mill-ewwel" (Dok. 4 a fol. 49). M'hemmx kwistjoni illi hija din l-istqarrija biss li tagħmel prova fil-konfront tiegħu fis-sens illi, bl-ammissjoni tiegħu stess, ħa parti attiva billi xjentement, għen jew assista fit-teħid tal-*petrol* mill-imputati l-oħra;"

Ikkunsidrat:

"Illi fit-trattazzjoni orali d-difensuri ta' l-imputati ssottomettew illi mill-fatti speċie tal-każ jistà jirriżulta r-reat tà approprjazzjoni indebita - li mhux qed jiġi addebitat kontra ebda wieħed mill imputati - iżda mhux dak ta' serq u *inoltre*, fil-konfront ta' l-imputati Galdes u Bonnici, ma jistax ikun hemm komparteċipazzjoni fir-reat ta' ħsara involontarja;"

"Illi b'riferenza għall-ewwel sottomissjoni l-uffiċjal prosekutur sostna illi l-*petrol* tal-*Land Rover* kien magħluq f'tank jew kompartament għalih bil-katnazz, b'mod illi saret konsenja separata lil Bonnici tal-karozza u tal-*petrol* u illi dan il-fatt għandu jsostni l-akkuża ta' serq;"

"Illi l-ġurisprudenza in materja dejjem irriteniet illi d-distinzjoni bejn ir-reat ta' approprijazzjoni indebita u dak ta' serq tikkonsisti fil-mod ta' kif ir-rifurtiva tkun ġiet f'idejn l-imputat. Meta din tkun ġiet oriġinarjament fdata lilu mis-sid b'mod illi jkun ġie legalment vestit bil-pussess materjali, ma jistax jingħad illi hemm pussess "*invito domino*" - f'liema każ biss jista' jkun hemm il-figura ġuridika ta' approprjazzjoni indebita, Appell Krim: *Police vs. Richard Duddley Beaumont*, deċiża 25.7.64; u **App. Krim**: "Pulizija vs Joseph Farrugia", deċiża: 24.10.64);"

"Illi, dejjem rigward ir-reat ta' approprjazzjoni indebita

kkontemplat fl-artikolu 307 Kod. Krim, ġie ritenut ukoll illi element essenzjali, minbarra l-vjolazzjoni tal-**proprjetà,** huwa dak **tal**-vjolazzjoni tal-**pussess** (Rex vs Pisani, 2.12.1941, iċċitat minn Harding: "*Recent Criminal Cases Annotated*", para. 20). F'dan il-kontest Maino jgħid illi l-approprjazzjoni: "*deve intendersi nel senso più lato e non in quello rigoroso di alienazzioni*" (Vol. IV, nru. 1951); u fuq l-**iskorta tà** din id-dottrina ġie misjub illi t-tneħħija minn karozza mikrija lill-imputat ta' oġġetti li nstabu **nieqsa kien** jikkostitwixxi approprjazzjoni indebita (**App. Krim**: "Pulizija vs Emanuel Cassar", deċiża 20.10.1977);"

"Illi fil-każ odjern irriżulta mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku William Cassar Torregiani: "Illi *ż*-żewġ tappijiet tal-*petrol* (*fuel*) li jkunu taħt is-*seats* tax-xufier u passiġġier ta' quddiem kienu miftuħhin qabel ma sar l-inċendju". (Para. 6 a fol. 38); u illi: "għalkemm il-katnazzi kienu għadhom intatti fis-sens ta' sikurezza, il-panewijiet tal-metall (aluminju) kien svitati (*self-tapping* u *pop rivets*) kienu neqsin u l-*cover* ta' fuq kien mgħawweġ qabel in-nar (naħa tal-lemin)", (para. 7 fol.39);"

"Illi din kienet ukoll il-konkluzzjoni ta' l-espert forensiku Dr. Anthony Abela Medici; illi kkonstata li żewġ tankijiet tal-*petrol*: "kienu jinżammu mgħottija bi pjanċi ta' l-aluminju li kienu jgħattu t-tank rispettivi u kienu jingħalqu fuq quddiem permezz ta' żewġ katnazzi żgħar fil-ġenb in-naħa ta' quddiem" (Dok. AM1 para. 12 fol. 69);"

"Illi l-imputat Bonnici, fl-istqarrija tiegħu (Dok. 7 fol. 52) qal: "Jiena kont indunajt li t-tapp tat-tank kien miftuħ għaliex kont xammejt ir-riħa tal-*petrol* . Imbagħad ittawwalt u rajtu miftuħ, jiġifieri t-tapp li jingħalaq bil-kamin kien maqlugħ minn

postu. Nispjega li fuq it-tapp ikun hemm pjanċa magħluqa bil-katnażż u din kienet naqra mberrqa u jiena daħħalt il-*pipe* minn taħt il-pjanċa għal ġot-tank u bdejt niġbed il-*petrol;*"

"Illi f'dan huwa kkorroborat mill-perit tekniku kif diġà ntqal (para. 6 fol, 38): "Illi *ż-żewġ tappijiet tal-petrol* (*fuel*) ..... kienu miftuħin qabel ma sar l-inċendju"; u mhux kontradett mill-espert forensiku: "Dak li pprova jieħu l-*petrol* .... mingħajr ma fetaħ il-katnazz .... b'xi mod fetaħ jew sab miftuħ l-istess tapp u minn taħt l-aluminju daħħal *pipe* .... u b'*suction* beda jiġbed il-*petrol* ...." (Dok. AM1 fol. 71);"

"Illi, għalhekk m'hemmx kwistjoni illi ż-żewġ tankijiet tal-*petrol* kienu msakkrin b'katnazz u l-unika inferenza loġika illi l-Qorti tista' tiġbed minn dan il-fatt hi illi, meta l-vettura in kwistjoni ġiet fdata f'idejn l-imputat Bonnici, ġie delibertament sottratt mill-pusses materjali tiegħu il-kontroll effettiv taż-żewġ tankijiet in kwistjoni - b'riżultat illi jeskludi li saret konsenja **volontarja** lill-imputat Bonnici tal-kontenut tat-tankijiet tal-*petrol*. Il-fatt illi, kif iddikjara l-istess imputat, it-tapp tat-tank kien miftuħ **qabel** *ma ħa pussess* tal-vettura, jista' jindika negliġenza f'min kien responsabbli għall-manutenzjoni u kura tal-*Land Rover* (ara xhieda tas-Surġent 233 Sydney Geeorge Vella a fol. 60: "Din il-*Land Rover* ma kinitx ipparkjata fl-*M.T. section* imma quddiem il-*block* tal-*platoon*, ta' l-*infantry company*.") iżda ma jaffettwax l-intenzjoni ċara illi min ikollu pusses tal-vettura ma jkollux fl-istess ħin il-pussess materjali tal-kontenut ta' l-istess tank";

"Illi, konsegwentement, l-ewwel imputazzjoni tirriżulta assodata fil-konfront ta' l-imputati Bonnici u Galdes; u fil-waqt illi ma tirriżultax fil-konfront ta' l-imputat Vella, mill-

ammissjoni tiegħu stess tirriżulta kompliċità fis-serq aggravat kommess miż-żewġ imputati l-oħra;"

Ikkunsidrat:

"Illi refiribilment għat-tieni imputazzjoni irriżulta sodisfaċentement illi il-ħruq ġie kkawżat billi l-imputat Vella xegħel sulfarina, xeħetha ma' l-art u qabad xi ħaxix li fuqu kien waqa' xi *petrol* waqt illi l-imputati l-oħra kienu qegħdin jimlew it-tank tal-karozza Anglia K-1203. L-istess Vella qal: "waqt li kienu qed jimlew .... qaluli biex nixgħel sulfarina biex jaraw jekk il-*jerry-can* imteliex u meta armejt is-sulfarina ma' l-art, x'aktarx li kien waqa' xi naqra *petrol* fl-art għax malli waqgħet is-sulfarina ħa mill-ewwel" (Dok. 4, fol.49);"

"Illi d-difensur ta' dan l-imputat (Dr. Joseph Mifsud) issottometta illi fir-reat involontarju in-negliġenza trid tkun pruvata u illi l-provi f'dan il-każ iwasslu għal "*casus* " u mhux għal negliġenza;"

"Illi digà saret riferenza għal dik il-parti tar-relazzjoni ta' l-espert forensiku fejn ġie minnu kkonstatat illi: "Għal xi raġuni mhux magħrufa seta' sar xi *spark* fil-viċinanza tal-*petrol* li kien jimtela ġol-landa, possibilment minn xi *lighter* jew sulfarina li segħet tqabbdet u minnufih il-"*vapour* " tal-*petrol* ħa n-nar u mexa kemm mal-ħaxix niexef fl-art ħdejn il-*Land Rover* u kemm għal fuq il-landa u l-*pipe* li kien jgħaddi għal ġot-tank tal-lemin li għalhekk ħadu n-nar". (Dok. AM1 fol. 71);"

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi fuq deskritti u ammessi ma jistgħax jingħad illi l-inċendju sar aċċidentalment jew mingħajr l-intervent ta' xi wieħed mill-imputati. Anke jekk mhux f'dawk

iċ-ċirkostanzi, kull min iqabbad sulfarina u jixħetha fl-art fil-viċinanzi ta' siġar u fejn jaf li hemm xi ħaxix jagħmel att imprudenti u b'nuqqas ta' ħsieb. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern it-traskuraġni ta' l-imputat tirriżulta iktar manifesta u tissodisfa l-vot tal-liġi kif provdut fl-artikolu 342(d) tal-Kodiċi Kriminali;"

"Illi, f'dan il-kontest, id-difensur ta' l-imputat Bonnici (Dr. Joseph Brincat) u ta' l-imputat Galdes (Dr. Philip Sciberras) issottomettew illi ma ġiex ppruvat illi kien hemm il-"*consensus ad idem*". Tant illi l-istess Avukat Ġenerali biddel l-akkuża minn waħda ta' ħsara volontarja għal dik ta' ħsara involontarja a *tenur ta'* l-artikolu 342(d) tal-Kodiċi Kriminali - u, konsegwentement illi ma tistax tirriżulta komparteċipazzjoni f'reat involontarju;"

"Illi kemm *id-dottrina*, kif ukoll *il-ġurisprudenza* lokali, jirritjenu illi hi regola fondamentali illi ma jistax ikun hemm parteċipazzjoni vera fil-kommissjoni ta'reat *almeno che* ma jiġix ippruvat illi l-partijiet aġixxew bi skop komuni. Dwar dan l-iskop konuni intqal illi: "*it is generally held that the notion of a 'consensus delinquentium' is incompatible with the definition of an involontary offence". (Prof. A. J. Mamo: "Notes on Criminal Law" p. 198);"*

"Għalhekk il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni difensjonali u ma ssibx assodata dina l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputati Bonnici u Galdes;"

"Ikkunsidrat:"

"Illi riferibilment għat-tielet imputazzjoni m'ihiex ikkontestata l-kwalità ta' uffiċjali jew impjegati pubbliċi tat-tlett

imputati bħala membri tal-Forzi Armati (Dejma) li kienu qegħdin jagħmlu servizz mat-*Task Force;*"

"Illi l-Qorti diġà sabet lill-imputati Bonnici u Galdes ħatjin ta' serq aggravat u lill-imputati Vella ħati ta' kompliċità f'serq aggravat waqt illi, bħala uffiċjali pubbliċi, it-tlieta kellhom jissorveljaw li dan ir-reat ma jsirx jew id-dmir li jimpedixxu;"

"Għalhekk it-tielet imputazzjoni dedotta kontra tagħhom tirriżulta pjenament assodata;"

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputati Nicholas Galdes u Dominic Bonnici li permezz tiegħu talbu li din l-Qorti filwaqt li tikkonferma s-senteza appellata in kwantu sabithom mhux ħatja ta' l-imputazzjoni li għamlu ħsara involontarja fuq il-*Land Rover* għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, tirrevokaha in kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontra tagħhom billi ssibhom mhux ħatja tagħhom u tilliberahom minn kull ħtija u piena biex b'hekk issir ġustizzja skond il-liġi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma tikkonsidra l-meritu ta' l-appell din il-Qorti sejra qabel xejn tispjega fid-dettal is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti li huma dawn li ġejjini:-

1. Mill-att fattwali rriżulta li t-tankijiet tal-*petrol* kienu miftuħa minn qabel ma l-imputat Bonnici ħa l-vettura u dan

skond l-espert tekniku;

2. Skond l-istess appellanti fl-istqarrijiet tagħhom il-pjanċa li kienet tgħatti t-tankijiet kienet imberrqa għalkemm imsakkra b'katnazz;

3. Ma sar l-ebda sgass da parti ta' l-imputati biex ittieħed l-*petrol;*

4. *In tema* legali ġie ritenut fuq l-insenjament tal-Maino "*Commenti al Codici Penale Italiano*" *Parte 2* . illi "*vi è appropriazione indebita quando per libera volontà del proprietario la cosa viene consegnata a taluno per un titolo qualunque che imposti l'obbligo di riconsegnerla o di farne un uso determinato, e questi, invece abusando della fiducia in lui riposta, la converte in proprio prefetto e di un terzo ("Sua Maesta - vs - Antonio Mercieca Miller") riportata nel Vol. XXV - Pt. 4 - p. 580* tal- Kollezzjoni;

5. Ġie ritenut ukoll li meta "l-konseja hi speċjali u limitata, kif inhu l-każ ta' min jafda oġġett f'idejn ħaddieħor, biex dan iqiegħdu f'post determinat, li mbagħad minflok japproprija ruħu minnu, huwa l-każ mhux ta' serq imma ta' appropriazzjoni indebita" (Il-pulizija vs Maria Bezzina, 19 ta' April, 1958 f'Vol. XLII -IV - p. 1324);

6. Fil-każ odjern lill-imputat Bonnici ġie fdat lilu oġġett speċifiku (vettura) mingħajr sorveljanza, li minnha appropja ruħu minn parti inerenti għaliha, u ċioè il-*petrol* , infatti, jsostnu l-appellanti, jkun "stultifikanti li tgħid li hu ngħata affidament tal-karozza iżda mhux ta' l-affarijiet ta' ġo fiha". Tant hu hekk, jissoktaw, illi l-istess Qorti ta' Prim'Istanza irriferit għall-appell

Kriminali "Il-Pulizija vs Emanuel Cassar" deċiż fl-20 ta' Ottubru, 1977, fejn kien ġie deċiż illi t-tneħħija minn karozza mikrija lill-imputat ta' oġġetti li nstabu nieqsa kien jikkostitwixxi approprijazzjoni indebita;"

7. Kien ikun divers il-każ kieku avolja l-konsenja kienet speċjali u limitata, min għamel il-konsenja mar hu stess, jew bagħat lil xi ħadd ieħor, biex jiżgura li dak l-oġġett affidat jitqiegħed fil-post determinat. F'dal-każ, issostnu l-appellanti, ikun si tratta ta' reat ta' serq (ara appell Kriminali "Il-Pulizija vs K Camilleri Vol. XXXII - IV - p.823 u Appell Kriminali "Rex vs Antonio Pisani deċiż fit-2 ta' Diċembru, 1941) iżda fil-każ in diżamina jeżiztu l-kostituttivi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita u mhux dak tas-serq;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dottrina u anki fil-ġurisprudenza tagħna ġie studjat pjuttost fil-fond x'jiddelimita s-serq u l-approprijazzjoni indebita u kif wieħed jista' jasal biex jikklassifika b'ċerta fondatezza kull każ taħt reat u mhux ieħor minn dawn it-tnejn. L-iktar sentenzi importanti ta' din il-Qorti kif differentement ikkostitwita tul is-snin saret riferenza għalihom kemm mis-sentenza appellata kif ukoll mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħhom u għalhekk mhux ser tingħata rassenja tagħhom aktar anki peress illi effettivament il-pożizzjoni legali kif ġeneralment s'issa aċċettata tinsab spjegata sewwa kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll mill-appellanti;

Wara li kkonsidrat sewwa l-fatti speċji tal-każ fid-dawl tad-duttrina u ġurisprudenza msemmija din il-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċavetta tas-soluzzjoni kollha tal-kwistjoni legali ssollevata

tinsab fil-mod kif għandha tiftieħem il-konsenja ta l-*Jeep* b'kull ma fiha u x'importanza għandha tingħata għall-fatt li t-tanks tal-*petrol* kienu jinsabu segregati għalihom suppost sikuri bil-qfil tal-katnazzi;

Din il-Qorti hi infatti tal-fehma illi anki jekk wieħed isegwi mingħajr riservi d-*dicta* ta' din il-Qorti fis-sentenza *sup. cit. in re* Pisani (1941) u jaddotta fedelment il-kriterji ta' distinzjonijiet bejn furti proprji u furti improprji wieħed ukoll bħall-Ewwel Qorti għandu jasal għall-konkluzzjoni li f'dal-każ *si tratta* ta' serq u mhux ta' approprijazzjoni indebita. Infatti jekk wieħed jikkonsidra li minn naħa 'l waħda l-appellant Bonnici kienet saritlu l-konsenja tal-*Jeep* jidher biċ-ċar li ma kien qatt l-intenzjoni li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu ukoll il-*petrol* . Tant hu hekk li ttieħdu misuri, anki jekk dawn wara rriżultaw ineffikaċi biex min ikollu l-pussess tal-*Jeep* ma jkollux aċċess dirett għat-tank tal-*petrol* dana s'intendi għal raġunijiet ovvji. Mhux sodisfatti lanqas però l-istess kriterji stabbiliti bis-sentenza *in re* Pisani *sop.* ċitata kwantu jirriferixxu għal jekk kienx si tratta ta' konsenja ġenerali jew speċiali. Infatti din il-Qorti tħoss li jekk tirraġuna li konsenja ta' vettura b'tant partijiet minnha li huma rimovvibbli hija konsenja speċiali tkun qed tistulfifika kollox;

Kollox ma' kollox però din il-Qorti hi tal-fehma li wasal iż-żmien li wieħed jifhem li d-dottrina enunzjata fis-sentenza tagħha *in re* Pisani *oltre* erbgħin sena ilu titpoġġa fil-perspettiva proprija tagħha fid-dawl ta'żviluppi b'dik li hi dottrina fuq il-kontinent u fl-Ingilterra u tenut kont li barra l-art. 307 u 308 tal-Kodiċi Kriminali jeżisti ukoll fost oħrajn l-artikolu 281 ta' l-istess Kodiċi li jpoġġi in dubju ħafna mill-massimi li s'issa jidhru li ġew aċċettati. Forsi dan mhux il-każ indikat biex din

il-Qorti tidħol fil-fond fil-kwistjoni però jiġi rrilevat għalkemm brevement illi meta wieħed jikkonsidra illi fl-artikoli 281 tal-Kodiċi Kriminali l-leġislatur ittratta speċifikament fuq l-abliazzjoni tar-rifurtiva minn persuni partikolari bħal *drivers* ta' vetturi, suldati u impjegati *in genere* u *in specje* verament forsi hu l-każ li wieħed jara x'attaġġjament għandu, jittieħed fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal dik tal-każ in diżamina. Fuq kollox jingħad ukoll li-dottrina ta' "*furto proprio*" u "*furto improprio*" tinsab kompletament injorata minn awturi bħal Petrivielli u Antolisei kif anki ġiet skartata fl-aħħar Edizzjoni tal-Manzini. Ma' dan jiżdied li filwaqt li l-art. 307 kien modellat fuq il-Kodiċi Antik Taljan bil-Kodiċi Rocco saret riklassifikazzjoni sħiħa ta' dawn il-kapijiet insoliti ta' spossessament. *Oltre* dan l-artikolu 281 tal-Kap.12 hu mmodellat fuq l-art. 386(4) tal-Kodiċi Franċiż li mill-1837 kien suġġett għall-żvilupp tremend mill-Qrati Franċiżi. Fil-fatt forsi jista' jkun diffiċli l-eżerċizzju biex wieħed jiddistingwi bejn każ li għandu jaqa' taħt l-artikolu 281(c) u każ ieħor li jaqa' taħt l-art. 308 u tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti kollox jiddependi minn jekk kienx hemm f'kull każ it-trasferiment tal-pussess ta' l-oġġett, però bir-rispett kollu dovut għal kull min daħal fil-kwistjoni qabel illum in-nozzjonijiet żviluppati biex jiġi stabbilit x'pussess qed nitkellmu fuqu m'humiex ċari u kategoriċi daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt li jeżisti l-artikolu 281(c) juri li l-leġislatur ma kellux f'rasu li fil-każ ta' xufier ta' vettura per eżempju hemm it-trasferiment tal-pussess tal-vettura u wieħed għandu jżomm dan il-każ distint mill-każ l-ieħor ta' "*contract of carriage*";

Barra minn hekk però din il-Qorti kif issa ppresjeduta tixtieq tissottolinea punt ieħor li jġagħlha ma tintrabatx iżjed mad-diċta f'*in re* Pisani. Infatti sa' l-emendi ta' l-1909 l-artikolu

308 (allura 296) kien jiddefinixxi "*deposito necessario*" bħala "*including the case of the delivery of a thing to any person mentioned in section 253*" (illum 281) liema artikolu jikkontempla s-serq aggravat bil-persuna. Din kienet ovvjament funzjoni legali li permezz tagħha *furto* kien isir approprijazzjoni indebita;

Bl-emendi ta' l-1909 l-art. 308 sar kif hu llum u għalkemm hemm riferenza għal depożitu neċessarju l-funzjoni legali fuq imsemmija ma għadhiex inkluża. Minħabba f'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti wieħed għandu jirrikorri għall-Kodiċi Ċivili biex jistabbilixxi x'jikkostitwixxi depositu neċessarju u bir-rispett kollu dovut sempliċement ma tistax tara kif tali eżami jista' xi darba b'xi mod jinkludi ukoll il-konsenja ta' oġġett mis-sid lid-*driver* fil-kors normali ta' l-affarijiet. Qed jingħad għalhekk li hi l-fehma ferma ta' din il-Qorti li wara l-emendi ta' l-1909 l-leġislatur ried li serq ta' xi ħaġa minn vettura fdata f'idejh bħala "*driver*" u fil-kors ta' l-impieg tiegħu għandha titqies bħala serq aggravat bil-persuna taħt l-art. 281(ċ) u mhux bħala każ ta' approprijazzjoni indebita;

Fil-każ in diżamina l-art. 281(ċ) ma ġiex iċċitat mill-Avukat Ġenerali fir-rinviju finali tiegħu iżda ġew iċċitati l-art. 281(a)(d) li mill-provi fil-fehma tal-Qorti jirriżultaw li ġew ivvjolati xorta waħda u għalhekk ma hemmx raġuni għala r-raġonamenti li għamlet din il-Qorti għandhom jiġu b'xi mod injorati;

Dwar il-kumplament ta' l-appell mill-meritu din il-Qorti trid ukoll tosserva li s-sentenza appellata tirriżulta ineċċepibbli u għalhekk mhux il-każ ta' ebda varjazzjoni;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.